V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9142 — REWE/Lekkerland)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 245/05)

1. Fil-15 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— REWE-ZENTRALFINANZ eG (il-Ġermanja, "REWE") u REWE-Zentral Aktiengesellschaft (il-Ġermanja) (flimkien "REWE Group"),

— Lekkerland AG & Co. KG (il-Ġermanja) u Lekkerland AG (il-Ġermanja) (flimkien "Lekkerland").

REWE takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll waħdieni tat-totalità ta' Lekkerland.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— REWE prinċipalment hija attiva fid-distribuzzjoni bl-imnut ta' oġġetti tal-konsum ta' kuljum. Hija topera supermarkets, ħwienet tax-xorb, ħwienet li joffru roħs, ħwienet tad-DIY u tal-prodotti tal-ispiżerija taħt marki differenti,

— Lekkerland hija prinċipalment attiva fid-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' prodotti tal-konsumatur ta' kuljum bħal ikel lest biex tieklu u prodotti mhux tal-ikel, inkluż it-tabakk, kif ukoll fil-provvista ta' soluzzjonijiet elettroniċi tat-tagħbija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9142 — REWE/Lekkerland

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË